**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 05 ta' Mejju, 2025**

**Rikors Guramentat Nru: 334/2022 AF**

**Avukat Chris Frendo nomine għall-assenti Alessandro Luigi Giampaolo**

**vs**

**BStarters Limited (C-82957)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Chris Frendo nomine għall-assenti Alessandro Luigi Giampaolo, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Alessandro Luigi Giampaolo Nati kien impjegat mas-socjetà intimata BStarters Limited (C-82957) sa mill-4 ta' April 2019 u dan skond Employment Contract hawn anness u mmarkat bhala Dok. A.

Matul id-disa' xhur li hadem mal-istess socjetà intimata, r-rikorrenti dejjem qeda dmiru b'mod impekkabbli u leali, u fil-fatt l-esponenti kien ghal numru ta' xhur unikament responsabbli ghal diversi aspetti tan-negozju u l-operazzjonijiet tal-kumpannija u n-numru ta' klijenti zdied minn tnejn (2) ghal sitta (6). Barra minn hekk, l-esponenti qatt ma nghata l-ebda twissija verbali jew bil-miktub, u lanqas ma gie mitlub izid il-produttività tieghu jew itejjeb il-prestazzjoni tieghu. Ghall-kuntrarju, l-esponenti ghandu evidenza (*screenshots*) li turi li maniger tas-socjetà intimata rrikonoxxa li l-esponenti kien qed jahdem fuq hafna progetti u li ma kellux jigi mfixkel.

L-esponenti qatt ma kellu problema mal-ufficcjali tas-socjetà intimata sakemm inqala' accident fid-29 ta' Jannar 2020 fejn id-direttur tas-socjetà intimata Marco Zucco infexx jghajjat mal-esponenti u beda jumiljah quddiem il-kollegi tieghu. Sussegwentement dan l-incident fuq il-post tax-xoghol gie investigat u finalment determinat mill-istess ufficcjal tas-socjetà intimata li kien involut fl-incident tad-29 ta' Jannar 2020 u cioè minn Marco Zucco u mhux minn parti indipendenti bhall-HR Manager jew konsulent estern. Barra minn hekk, tas-socjetà intimata ma segwietx il-proceduri taghha stess skond Klawsola 12 tal-Employment Contract u l-esponenti gie mkecci mill-impieg tieghu minghajr ma nstema' minn ufficcjal indipendenti tas-socjetà intimata jew talab li jipprovdi l-verzjoni tieghu tal-avvenimenti sabiex l-incident tad-29 ta' Jannar 2020 jigi nvestigat kif suppost b'mod gust.

Permezz ta' ittra datata 29 ta' Jannar 2020, hawn anness u mmarkat bhala Dok. B, Alessandro Luigi Giampaolo Nati gie nfurmat li l-impieg tieghu mas-socjetà intimata BStarters Limited (C-82957) gie terminat b'mod immedjat u dan stante li gie allegat li l-imgieba tieghu u/jew il-prestazzjoni tieghu fuq ix-xoghol kienu tali li jimmeritaw tkeccija.

Sussegwentement Alessandro Luigi Giampaolo Nati beda proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali u b'decizjoni numru 3838/CC fil-kwistjoni tax-xoghol bejn Alessandro Luigi Giampaolo Nati u BStarters Limited (C-82957), it-Tribunal Industrijali iddecieda li tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gew esposti fil-process, jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg ta' Alessandro Luigi Giampaolo Nati ma kienitx wahda gusta u qies is-somma ta' €7000 bhala kumpens gust.

Madanakollu Alessandro Luigi Giampaolo Nati baqa' ma thallasx hlas *pro rata* tal-"*Performance Bonus*" ghas-snin 2019 u 2020 li jitla' sa massimu ta' €22,000.

Permess ta' ittra ufficcjali numru 785/2020 datat 28 ta' Frar 2020 Alessandro Luigi Giampaolo Nati interpella lis-socjetà konvenuta sabiex tillikwida u thallsu s-somma dovuta lilu bhala "Performance Bonus" ghall-perjodu ta' bejn l-4 ta' April 2019 u sad-29 ta' Jannar 2020, izda s-socjetà konvenuta baqghet inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjetà konvenuta hija debitrici tal-attur fil-hlas tal-"*Performance Bonus*" annwali dovut lilu kif suespost.

2. Tillikwida l-ammont dovut lill-attur bhala "*Performance Bonus*" okkorrendo permezz tal-hatra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez kontra s-socjetà intimata, kif ukoll dawk tal-ittra ufficcjali tat-28 ta' Frar 2020 u bl-imghax mid-data tal-ittra ufficcjali tat-28 ta' Frar 2020 sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjetà intimata, minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi b'digriet tat-13 ta' Settembru 2022, il-Qorti awtorizzat in-notifika tas-soċjetà intimata permezz tal-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni.

Rat illi fl-udjenza tal-21 ta' Marzu 2023 il-Qorti wara li rat li ġiet debitament segwita l-proċedura għan-notifika permezz tal-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni, ddikjarat illi s-soċjetà intimata tinsab fi stat ta' kontumaċja.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tar-rikorrenti.

Rat li s-soċjetà intimata ma ressqet ebda nota ta' sottomissjoni finali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza għal lum.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża r-rikorrenti qiegħed ifittex dikjarazzjoni fis-sens illi huwa ntitolat għal *performance bonus* u konsegwentement qiegħed jitlob il-likwidazzjoni ta' dan u l-ħlas tal-istess.

Mill-kuntratt t'impjieg li kopja tiegħu tinsab debitament esebita in atti, jirriżulta li r-rikorrenti ġie mpjegat bħala *Software Architect* mas-soċjetà konvenuta b'effett mill-4 t'April 2019 u versu korrispettiv fis-somma ta' €56,000 fis-sena.

Għal raġunijiet li jmorru lil hinn mill-iskop ta' din il-vertenza, l-impjieg tar-rikorrenti ġie mitmum ħesrem. Għaliex ħassu aggravat minn dan, ir-rikorrenti rrikorra quddiem it-Tribunal Industrijali (3838/CC) li b'deċiżjoni tat-23 ta' Marzu 2022 sab li

t-tkeċċija tar-rikorrenti mill-impjieg kienet saret b'mod inġust u għalhekk ġie akkordat is-somma ta' €7,000 f'kumpens.

Ir-rikorrenti però ħass ruħu aggravat mill-fatt li sal-lum għadu ma tħallasx il-*performance bonus* dovut lilu ai termini tal-istess kuntratt t'impjieg. Fil-fatt, minn qari tal-klawsola numru 4 tal-kuntratt t'impjieg jirriżulta li:

> "*Eligibility to receive a Participant's Target Bonus is based upon a combination of Individual Performance, weighted at 40% of Target Bonus, and the Company's Performance (…) weighted at 60% of Target Bonus for the Bonus Period.*"

Ir-rikorrenti ppreżenta in atti kopja ta' *text messages* skambjati bejnu u bejn Marco Zucca, direttur tas-soċjetà konvenuta, fejn Zucca jikkonferma lir-rikorrenti li "*hai diritto al bonus*" u li "*ho fatto il conteggio ed e un bel gruzzolo*".

Ferm il-premess, din il-Qorti tqis illi in atti ma jirriżultawx provi suffiċjenti sabiex ir-rikorrenti jirnexxi fl-azzjoni minnu ntentata. Tgħid dan għaliex mhux talli r-rikorrenti ma ppreżentax prospett għall-pretensjoni tiegħu, talli lanqas ma ppreżenta provi dwar il-prestazzjoni tiegħu u dik tal-kumpannija. Il-klawsola numru 4 fuq riprodotta tgħid ċar u tond illi l-*performance bonus* irid jinħadem abbażi tal-prestazzjoni sia tal-impjegat kif ukoll tas-soċjetà intimata. Madanakollu, in atti ma tirriżulta ebda prova dwar dan. Għad illi l-Qorti mhijiex tiċħad id-dritt tar-rikorrenti għal tali ħlas, kif *del resto* ġie wkoll rikonoxxut mid-direttur tas-soċjetà intimata, jibqa' l-fatt li nonostante li Zucca kkonferma li r-rikorrenti huwa ntitolat għal *bonus*, ma ndikax għal kemm jammonta dan il-ħlas.

Waqt li huwa minnu li s-soċjetà intimata hija kontumaċi, dan ma jfissirx li l-Qorti tista' tibqa' għaddejja billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti mingħajr ma tagħti debita konsiderazzjoni għal dak li qiegħed jintalab. Kif ben saput, kontumaċja ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba. Jinkombi dejjem fuq l-attur jissostanzja t-talba tiegħu. Fil-każ tal-lum, in mankanza ta' provi ma tistax ħlief tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti. Ma nġabet lill-Qorti ebda

prova la tal-prestazzjoni tar-rikorrenti u lanqas tas-soċjetà stess.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG